

32001R2022

16.10.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 273/17

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2022/2001
tal-15 ta' Ottubru 2001**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq ta' l-inbid f'dak li jirrigwardja l-mekkaniżmi tas-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 Lulju 2000 jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1660/2001⁽⁴⁾, ipprova għall-introduzzjoni ta' skema ta' għajna għad-distillazzjoni ta' l-alkoħol potabili mill-inbid. Dik l-iskema kienet introdotta għall-ewwel darba għas-sena ta' l-inbid 2000/01. Tibdiliet huma meħtieġa in vista ta' l-esperjenza akkwistata matul l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni. Partikolarment, biex tassigura proċedura aktar stabbli matul is-sena, id-distillazzjoni għandha tkun miftuħa f'diveri lottijiet separati.

- (2) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huwa bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Is-subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000:

“Għas-sena ta' l-inbid 2001/02 id-distillazzjoni għandha tkun miftuħa għall-perijodu mis-16 ta' Ottubru sal-15 ta' Novembru. Il-kwantità massima li għaliha l-kuntratti jew id-dikjarazzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 65 jistgħu jkunu konklużi hija ta' 7 miljun hl. Il-Kummissjoni għandha sussegwentament tiftaħ kwantitajiet addizzjonali matul wieħed jew aktar perijodi li għandhom ikunu definiti li qbil mal-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 194, tal-31.7.2000, p. 45.

⁽⁴⁾ ĠU L 221, tas-17.8.2001, p. 8.